**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019 dwar punti mqajmin fil-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li ltaqa' fl-4 ta' Frar 2019**

Is-Sedja tagħmel referenza għad-diskussjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret ilbieraħ 4 ta' Frar 2019 li matulha l-istess Sedja ġiet mitluba tiddeċiedi dwar punti li nqalgħu.

Is-Sedja tinnota li fil-bidu tal-laqgħa, iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Alex Muscat, għamel referenza għal *ruling* li kienet tat is-Sedja fis-17 ta' Marzu 2014 u nikkwota:

> **IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Kollegi, wara li ħadt parir mill-amministrazzjoni tal-Parlament, ġejt riferut għal numru ta' *rulings*. Fil-fatt, f'żewġ *rulings* li kien ta l-Ispeaker jagħmilha ċara u inekwivoka x'inhu r-rwol u l-operat mistenni minn dan il-Kumitat. Fir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 130 tas-17 ta' Marzu tal-2014 jingħad hekk:
>
> > "... il-Kumitat irid jaħdem bilfors fuq dawk il-poteri li joħorġu mill-istess liġi li huma ben definiti ...".
>
> Wara li jgħid x'inhi l-liġi, l-Ispeaker ikompli jgħid hekk:
>
> > "Dawn huma l-poteri li għandu dan il-Kumitat iktar minn hekk huwa kollox *ultra vires*. ... il-Kumtiat b'mod ċar mhuwiex regolat bl-i*Standing Orders* imma huwa regolat b'liġi, bħalma huwa l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent tal-Ippjanar tal-Iżvilupp, irid bilfors joqgħod għal dak li hu ben definit mil-liġi."
>
> Biex il-Kumitat ikun jista' jiddiskuti materja li ma toħroġx mil-liġi, l-Ispeaker jgħid hekk:
>
> > "U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poteri addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja ... dak huwa mod kif wieħed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat".
>
> Fl-istess *ruling* l-Ispeaker jagħlaq billi jgħid hekk:
>
> > "Għaldaqstant ir-*ruling* tas-Sedja hu li dan il-Kumitat m'għandux ikompli u ma jistax ikompli bid-diskussjoni dwar dan il-proġett ladarba ma joħroġx mill-istess liġi li huwa awtorizzat li jagħmel hekk, u aktar u aktar meta issa hemm id-direzzjoni u d-deċiżjoni ... li d-diskussjoni titkompla fil-plenarja.".

Ic-Chairperson kien qed jirreferi għal dan ir-*ruling* peress li l-Kumitat kellu fuq l-aġenda tiegħu din il-materja:

> "Diskussjoni fuq talba ta' diversi NGOs u entitajiet, u tal-Onor Marlene Farrugia, dwar il-proġett propost mill-Corinthia (International Hotel Investments) fix-xatt tal-Bajja ta' San Ġorġ"

Is-Sedja tinnota li fil-Kumitat ġie deċiż li l-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Konrad Mizzi, kellu jagħmel preżentazzjoni biex imbagħad jkunu jistgħu jsiru d-domandi mill-Membri u mill-NGOs, u dan kif fil-fatt sar.

Eventwalment, fi tmiem il-laqgħa, qamet kwestjoni dwar jekk il-Kumitat kellux jaġġorna għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar 2019, bl-istess aġenda sabiex jisma' xhieda, dejjem in konnessjoni mal-materja li l-Kumitat kellu quddiemu. Dan joħroġ mill-istess traskrizzjoni ta' din il-laqgħa u nikkwota:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, Onor. Abela jien u int konna qegħdin fil-Kumitat tal-Verifika u, kif taf, hemmhekk niddiskutu s-sustanza tal-kuntratt. Hawnhekk huwa iktar speċifiku għall-ambjent u l-ippjanar. ... M'iniex qed nara li hemm preċedent għaliex f'dawn l-erba' snin li għaddew fejn il-kumitat mexa tajjeb ħafna bi trasparenza u b'libertà fejn ħafna nies tkellmu, fejn qabel lanqas tkellmu, inti tkompli fuq din il-prassi.
>
> **IĊ-CHAIRPERSON:** Onor. Callus, il-preċedent qiegħed hawnhekk. Meta dan il-kumitat joħroġ mir-*remit* tiegħu u jitkellem dwar suġġett li ma ġiex referut lilu mill-Ministru jew ministru partikolari, mill-ERA jew mill-*Planning* u l-istess suġġett ikun qed jiġi diskuss fil-Parlament f'forum ieħor, l-Ispeaker diġà ppronunzja ruħu f'dan is-sens u waqqaf id-diskussjoni."

Iktar tard tkellem intqal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** X'inhi l-proċedura li nkomplu darba? Jekk trid anke għada .....
>
> **IĊ-CHAIRPERSON:** Nixtieq nagħlaq illum, ma nixtieqx nibqa' nestendi suġġett .....
>
> **ONOR. KAROL AQUILINA:** Din hija kwestjoni li hawn Membri tal-Kumitat li jixtiequ jisimgħu ċerti nies x'għandhom x'jgħidu dwar din is-sitwazzjoni, dejjem fuq aspett ta' ambjent u ippjanar, Xejn iktar."

Iktar tard l-Onor Aquilina kompla qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Però hemm abbozz ta' kuntratt li jipprospetta żvilupp li jmur kontra l-*Local Plan*. Dak huwa fatt. Almenu hemmhekk naqblu?
> ...
> **ONOR. KAROL AQUILINA:** Hemm MOU u hemm abbozz ta' kuntratt pendenti quddiem il-Parlament li qed jgħid li l-Gvern beħsiebu jbiddel dak il-Local Plan. Jekk dak mhux ċar għalik, ma nafx x'inhu ċar."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak li qal is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Roderick Galdes aktar 'il quddiem u nikkwota:

> "**ONOR. RODERICK GALDES:** Kull proġett nazzjonali li sar bħal dan ikun hemm l-aspett leġiżlattiv ta' kif l-art se tiġi mgħoddija lill-investitur partikolari, imbagħad xejn ma jżomm li l-kumitat jerġa' jiddiskuti meta jkun hemm stadju ta' applikazzjoni l-parametri tal-ippjanar u anke dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent, għax qegħdin

inħalltu żewġ affarijiet flimkien. Fil-fehma tiegħi għandna nżommu dik il-proċedura u m'għandniex nibdluha issa meta dejjem intużat b'dan il-mod."

Aktar 'il quddiem iċ-Chairperson għamel referenza għal dak li kien qed jiġi propost u qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** ... Qegħdin naqblu li llum kellna diskussjoni tajba ħafna fejn anke l-Ministru ta aġġornament lil dawk kollha li segwew dwar il-proġett minn fejn telaq f'Diċembru li għadda u anke l-modifiċi li saru fuq il-proġett. Qegħdin naqblu wkoll, anke kif qed jikkommetti l-Ministru, li l-mument li se jkun hemm kuntratt iktar ben definit, dak il-kuntratt se jiġi vverifikat mill-Kumitat tal-Verifika fejn hemmhekk ..."

Aktar tard iċ-Chairperson qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Fi stadju ulterjuri jekk se jkollna applikazzjoni biex anke jinbidel il-pjan tal-iżvilupp hemmhekk, se jerġa' jiġi referut lilna bħala kumitat fejn aħna l-istess Membri u kull min irid jattendi se nerġgħu niddiskutu dan il-proġett hawnhekk. Però f'dak l-istadju se nkunu qegħdin nitkellmu f'dan il-forum meta jkollna l-fatti f'idejna eżattament tal-kambjament fil-Pjan Lokali u dment li jkun hemm il-bżonn, se nkunu qegħdin nitkellmu f'dak is-sens.
...
Jekk taraw ir-*ruling* tiegħu fl-2014, is-Sedja ppronunzjat ruħha b'mod ċar li jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra, allura aħna ningħataw dak il-poter addizzjonali u d-diskussjoni bħalma saret illum tkun tista' ssir.
...
Sinjuri, jien qed nissuġerixxi din il-proċedura: fid-diskussjoni tal-lum, kif qbilna, kellna laqgħa importanti ħafna. Id-diskussjoni se titkompla fil-Kumitat tal-Verifika. Wara l-Kumitat tal-Verifika, id-diskussjoni kif nafu, imbagħad trid titkompla fil-Parlament, fejn hemmhekk l-Oppożizzjoni u l-Gvern jistgħu jagħmlu l-interventi tagħhom."

Aktar tard l-Onor. Aquilina qal hekk:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jien qed nistaqsi: jekk l-Oppożizzjoni tagħraf timxi kif qed jgħidilna n-naħa tal-Gvern, il-Gvern lest li jiddikjara minn issa li jaċċetta li jivvota favur?"

għal liema rimarka ċ-Chairperson wieġeb hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Sinjuri, jien ma nistax nirrispondi fuq mozzjoni li għadha mhijiex ippreżentata. Jien nixtieq nagħlaq hawnhekk. Qed ngħidilkom kif beħsiebni nipproċedi. Jekk inthom ma taqblux, għandkom kull dritt."

Iktar tard l-Onor. Azzopardi qal hekk:

"**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Le, Sur President, l-ewwel vot fuq il-Mozzjoni tagħna, bl-eżitu jkun li jkun; imbagħad vot fuq il-*counter proposals.*
...
**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Le, l-ewwel tieħu vot fuq il-proposta tagħna!

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hemm emenda għall-Mozzjoni li ressaqtu. Aħna qed naqblu li se titkompla ... (*off mic*)

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, l-Oppożizzjoni għandha Mozzjoni, li rridu nieħdu vot fuqha. Wara nieħdu vot fuq il-Mozzjoni tal-Gvern.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Mozzjoni hija: qed naqblu li din id-diskussjoni għandha titkompla meta l-Ministru jkun lesta (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MARTHESE PORTELLI:** Le, l-ewwel hemm il-Mozzjoni tal-kollega!

**IĊ-CHAIRPERSON:** Sinjuri jekk mhux se naqblu, ejja nagħmluha sempliċi. Ma xtaqtx li nasal hawnhekk: nirreferu l-materja lill-Ispeaker, u jiggwidana l-Ispeaker!

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, għandek talba għal vot fuq Mozzjoni (Interruzzjonijiet)
...
**ONOR. KAROL AQUILINA:** Ministru, hawn talba biex il-Kumitat jaġġorna għal data viċin biex tkompli d-diskussjoni!
...
**ONOR. KAROL AQUILINA:** Din hija Mozzjoni ta' aġġornament! Hija Mozzjoni speċifika."

Iktar tard iċ-Chairperson qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON: ...** se jkollna nitolbu intervent tal-Ispeaker, nitolbu *ruling* dwar jekk il-Kumitat jistax, mingħajr ma tiġi ppreżentata fil-plenarja, jaġġorna biex din id-diskussjoni tkompli fuq din il-materja li ma taqax fil-mansjonijiet tal-liġi ta' dan il-Kumitat.

**ONOR. JASON AZZOPARDI:** ... Aħna għamilna Mozzjoni, li l-Gvern ma jaqbilx magħha. Fil-Kumitat tal-Abbozzi ta' Liġijiet, fejn kull wieħed minna kien membru tal-Kumitat tal-Abbozzi ta' Liġijiet, dejjem hekk jiġri: jkun hemm mozzjoni, ma tgħaddix ..."

Iktar tard l-Onor Jason Azzopardi qal hekk:

"**ONOR. JASON AZZOPARDI:** ... Din in-naħa qed tgħid li l-ewwel jittieħed il-vot fuq il-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni ..."

Iktar tard iċ-Chairperson qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Sinjuri qed nitlob *ruling* b'mod formali bħala President ta' dan il-Kumitat. Qed nistaqsi lill-Ispeaker jekk il-Kumitat, mingħajr ma tiġi ppreżentata mozzjoni fil-plenarja, kif kien qal hu fir-*ruling* li ta fis-Seduta 130 (Interruzzjonijiet)

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Bir-rispett kollu, *se mai* nitolbu *ruling* fuq il-Mozzjoni tagħna jekk jittieħed vot jew le."

Iktar tard iċ-Chairperson qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** ... Jien, bħala Chair ta' dan il-Kumitat, għal nom tal-Gvern qed nitlob il-parir tas-Sedja, qed nitlob ir-*ruling* tas-Sedja dwar jekk dan il-Kumitat, bla ma tiġi ppreżentata mozzjoni fil-plenarja, kif kien qal l-istess Speaker fis-Seduta 130 tas-17 ta' Marzu 2014, dan il-Kumitat jistax jaġġorna biex tiġi diskussa din il-materja, li ma taqax fil-mansjonijiet ta' dan il-Kumitat."

Iktar tard l-Onor Jason Azzopardi qal hekk:

"**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Le, le, inti bħala Chairperson, għandek ir-responsabilità u l-obbligu li inti titrażmetti fedelment lill-Iskrivan tal-Kamra l-mozzjoni li talab kwalsijasi deputat. Dak huwa l-ewwel punt. It-tieni punt: l-Oppożizzjoni, fis-5.55pm illejla, seba' minuti ilu, talbet li l-Kumitat jaġġorna għal bħal-lum ġimgħa fl-istess ħin u bl-intiża li jkunu mistiedna ċerta xhieda. Fhimna li l-Gvern ma jaqbilx ma' dak. Mela allura jittieħed vot, u din hija t-talba tagħna u r-*ruling* lill-Ispeaker, jittieħed vot fuq il-Mozzjoni tagħna, wara *se mai* li dik il-Mozzjoni ma tgħaddix minn dan il-Kumitat għax il-membri tal-Gvern jivvutaw kontrihom u għandhom il-maġġoranza; ..."

Imbagħad l-Onor Robert Abela qal hekk:

"**ONOR. ROBERT ABELA:** Jien infakkrek għall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ta' ġimgħatejn ilu meta inti bħala xhud dakinhar insistejt li taqra stqarrija; din in-naħa ssuġeriet li jiġri dak li llum qed tissuġerixxi inti li għandu jsir; iċ-Chairperson tal-PAC l-Onor. Beppe Fenech Adami ddeċieda mod ieħor, li jirreferi lill-Ispeaker. Illum aħna bażikament li qed ngħidu huwa biex nimxu bl-istess proċedura.

**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Onor. Abela, le, f'dak il-Kumitat ma kienx hemm talba biex jittieħed vot!

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tlabna biex nieħdu vot, u ma ħalliniex nieħdu vot!

**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Ebda membru fil-PAC ma talab li jittieħed vot! Hawn l-Oppożizzjoni qed titlob li jittieħed vot! Wasalna fi stat li lanqas ma jħalluna nieħdu vot!"

Imbagħad iċ-Chairperson qal hekk:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Dan huwa Parlament demokratiku. Jien għamilt it-talba għal *ruling* tiegħi. L-Onor. Membru għamel it-talba għal *ruling* huwa wkoll, mela qed ngħidu li għandna żewġ *rulings* li tlabna lill-Ispeaker, imbagħad jiddeċiedi l-Ispeaker. Aħna nattempraw ruħna ma' dak li jgħid.
...
**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Jiġifieri aħna għandna talba għal *ruling* li jekk il-vot f'dan il-Kumitat għandux l-ewwel jittieħed fuq il-Mozzjoni tal-Membru tal-Oppożizzjoni, li aħna ressaqna l-ewwel; imbagħad jekk ma jgħaddix, il-Kumitat jieħu vot fuq il-proposta tal-membri tal-Gvern, li ovvjament se tgħaddi.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Ovvjament huwa importanti li l-Mozzjoni kienet mozzjoni ta' aġġornament tal-Kumitat, li hija mozzjoni differenti minn kwalunkwe mozzjoni oħra, anke skont l-Ordnijiet Permanenti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Tajjeb. Sinjuri, qed naġġornaw hawnhekk. Grazzi tal-attendenza, ...”

Is-Sedja se tagħmel referenza għal żewġ *rulings* li kienet tat fis-Seuta 26 tal-4 ta’ Ġunju 2013 u dak li kienet tat fis-Seduta 130 fis-17 ta’ Marzu 2014 u se terġa’ tagħmel ċar dak li kienet qalet fiż-żewġ *rulings* u ċjoè li dan il-Kumitat li twaqqaf taħt l-artiklu 34 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa marbut ma’ dak li huwa indikat fis-subartikolu (2) tal-istess artiklu 34, li jgħid hekk:

“(2) Il-Kumitat Permanenti għandu:

(a) jagħmel reviżjoni ta’ kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b’emendi jew riġettat;

(b) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x’jaqsam mal-pjan ta’ struttura jew kull reviżjoni ta’ dak il-pjan;

(ċ) jiddiskutu kull pjan jew *policies* oħra riferiti lilu mill-Ministru u jirrapporta fuqu lill-Parlament. Dan ir-rapport jista’ jinkludi wkoll kull opinjoni li ma jaqblux dwar il-pjan jew *policies*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tal-imsemmi rapport u għandu jibgħat ir-rapport lill-Awtorità għall-konsiderazzjoni tagħha fid-determinazzjoni mill-Awtorità tal-pjan jew *policy* jekk l-imsemmi pjan jew *policy* tkun għadha ma ġietx approvata mill-Awtorità:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jirrapporta lill-Parlament fil-perjodu li għalih kien mitlub li jagħmel dan, il-Ministru jista’ jitlob lill-Awtorità tiffinalizza l-imsemmi pjan jew *policy* u l-Ministru jista’ wkoll japprova l-imsemmi pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Awtorità.”

Fl-istess *ruling* is-Sedja kienet qalet ukoll li dawn huma l-poteri li għandu l-Kumitat. Aktar minn hekk, huwa kollox *ultra vires*. Il-fatt li l-Kumitat seta’ jew jista’ jibda diskussjoni dwar xi ħaġa li ma taqax fir-*remit* tiegħu, jew li jista’ jiftiehem li se jkompli għaddej b’din id-diskussjoni, din ma taqax taħt il-poteri tiegħu kif definiti fl-artikolu 34. Dan ma jagħti l-ebda dritt lil dan il-Kumitat li jkompli b’xi diskussjoni ladarba l-istess diskussjoni ma taqax taħt ir-*remit* kif inhu indikat fil-liġi. Dan qed jingħad b’mod ċar għaliex il-Kumitat mhuwiex regolat bl-i*Standing Orders* imma huwa regolat b’liġi. Għalhekk, il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp irid bilfors joqgħod fuq dak li huwa ben definit fil-liġi.

Nerġa nikkwota mill-istess *ruling* li s-Sedja tat fis-Seduta 130 tas-17 ta’ Marzu 2014:

“U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poter addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja, anke wara d-diskussjoni fil-plenarja, dak huwa mod kif wieħed jista’ jwessa’ l-poteri tal-Kumitat. Jiġifieri b’awtorizzazzjoni mill-Kamra kollha u mhux mill-membri tal-istess Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ...”

Is-Sedja tixtieq tirrileva li llum it-twaqqif ta' dan il-Kumitat kif ukoll il-mansjoni tiegħu huma regolati bl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552) u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549).

Fil-Kap. 552 li jipprovvdi għat-twaqqif ta' dan il-Kumitat insibu dan li ġej:

> "**60.** (2) Il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti kull strateġija, pjan jew *policy* riferuti lilu skont l-artikoli 46 u 53 u kull ħaġa oħra riferuta lilu skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent u jipprepara rapport u dan ir-rapport għandu jiġi riferut lill-Kamra tad-Deputati u lill-Ministru."

Is-Sedja tinnota li:

i. l-artikolu 46(3) jitkellem dwar l-iskrutinju li għandu jsir minn dan il-Kumitat fir-rigward ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni li l-Istrateġija Spazjali tiġi approvata, mill-Kamra, l-abbozz tal-Istrateġija Spazjali u l-kummenti kollha magħmula lill-Kunsill Eżekuttiv; u li
ii. fir-rigward tal-artikolu 53(2)(b)(iii) il-Kunsill Eżekuttiv għandu:
    "jirreferi l-abbozz tal-*policy* jew pjan sussidjarju jew reviżjoni tiegħu lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp stabbilit bl-artikolu 60 għall-iskrutinju effettiv tiegħu, liema Kumitat għandu jħejji rapport fil-perjodu ta' konsultazzjoni speċifikat fis-subparagrafu (ii) u jirreferih lill-Kunsill Eżekuttiv."

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għat-Tielet Skeda ta' dan l-Att (Kap. 552) u nikkwota:

> "It-Tielet Skeda
>
> Il-pjanijiet u l-*policies* li jkunu mressqa quddiem il-Kumitat Permanenti skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60 huma:
>
> (a) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirreferu għall-art li tinsab barra minn żona ta' żvilupp kif definit fl-Istrateġija Spazjali jew fi pjanijiet oħra;
> (b) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirregolaw esklussivament il-limitazzjonijiet tal-għoli u r-restrizzjonijiet fuqhom;
> (ċ) pjanijiet lokali, minbarra emendi minuri ta' dawn l-istess pjanijiet;
> (d) *policies* li għandhom x'jaqsmu ma' u li jirregolaw ċertifikati ta' konformità."

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-mansjoni ta' dan il-Kumitat skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549) u nikkwota:

> "**31.** Il-Ministru għandu jirreferi dawn li ġejjin lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp:
>
>> (a) kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew skartat;
>> (b) l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;

(ċ) kull rapport, pjan jew *policy* oħra skont ma l-Ministru jqis li hu meħtieġ:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara stqarrija ta' pożizzjoni fil-perijodu stipulat fl-Att tal-Ippjanar, il-Ministru responsabbli mill-Ambjent għandu jagħmel talba formali lill-Kamra biex jiddiskuti din l-Istrateġija, pjan jew *policy*.

Għalhekk, is-Sedja, wara li kkonsidrat it-talbiet li saru lbieraħ fil-Laqgħa 14 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, fejn intalab li jinstemgħu xi xhieda fuq il-proġett tal-Corinthia, wara preżentazzjoni tal-Ministru Konrad Mizzi, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li biex dan isir, għadu japplika dak li kienet iddeċidiet dwaru fir-*ruling* li tat fis-Seduta 130 tas-17 ta' Marzu 2014, jiġifieri li trid issir mozzjoni *ad hoc* minn xi Membru fil-Parlament, fejn dik il-mozzjoni, wara li jkun hemm id-deċiżjoni fil-Plenarja li għandhom jitwessgħu l-poteri addizzjonali tal-istess Kumitat, imbagħad, jekk ikun il-każ, wara d-diskussjoni li ssir fil-Plenarja, ikunu jistgħu jitwessgħu l-poteri tal-Kumitat biex il-Membri tal-Kumitat ikunu jistgħu jkomplu d-diskussjoni kif tista' tiġi indikata fil-mozzjoni proposta.

Għalhekk, is-Sedja tiddeċiedi li ma jistax jittieħed vot fil-Kumitat dwar mozzjoni li tmur *oltre* mir-*remit* kif indikati fil-Kap. 549 u l-Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-*ruling* huwa deċiż.